MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 861/2007

**Fedelio Schembri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Fic-certifikat tat-twelid tieghu li huwa registrat fl-Atti tat-Twelid mizmuma mid-Direttur intimat bin-numru 788/1987 hawn anness u mmarkat bhala Dok. “A”, r-rikorrent huwa registrat bl-isem Fedelio Schembri;

Pero` r-rikorrent huwa maghruf bhala Michael u dan stante illi ghal zmien twil huwa uza dan l-isem u l-familja

tieghu wkoll uzaw dan l-isem ghalih tant illi llum huwa maghruf u msejjah bl-isem Michael;

Ghalhekk ir-rikorrent jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dispozizzjoni tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex jigi registrat fl-att tat-twelid tar-rikorrent fuq imsemmi l-isem Michael minflok l-isem eziztenti Fedelio;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra fl-att ta` twelid tar-rikorrent l-isem Michael minflok l-isem Fedelio u tordna illi l-istess isem Fedelio jigi mhassar mill-att ta` twelid tar-rikorrent.

Bl-ingunzjoni tad-Direttur intimat ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta.

1. Preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet.

2. Ir-rikorrent ghandu jispecifika, jekk hu l-kaz, x`atti ta` l-Istat Civili ohra jehtieg li jigu korretti ai termini ta` l-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

3. Ghandha ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta` l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

4. Fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta` l-intimat li ghaldaqstant m`ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta` l-istanti stante li jirrizulta li d-dikjarant fuq Att tat-Twelid in kwistjoni kien il-missier tar-rikorrenti Mariano Schembri li kien obbligat li jivverifika li l-informazzjoni li ddikjara u ffirma ghaliha quddiem l-ufficcjal pubbliku kienet korretta.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Tant l-esponent ghandu x`jissottometti ghas-savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-Art. 253(2) tal-Kap. 16.

Rat l-affidavit kollha prodotti mir-rikorrent.

Ikkunsidrat illi mill-hafna affidavit prodotti mir-rikorrent jirrizultaw pruvati ampjament il-fatti kollha elenkati fir-rikors promotur. Il-Qorti m`ghandha ebda dubbju li r-rikorrent dejjem kien imsejjah bl-isem ta` Michael u mhux Fedelio u ghalhekk ir-rekwizit tal-Art. 253(2) jinsab sodisfatt.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba u tordna li fl-Att ta` Twelid Nru 788/1987 fil-kolonna “Isem il-wild” l-isem Fidelio jithassar u minfloku jitnizzel l-isem Michael.

Peress illi ma tirrizulta ebda htija tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, l-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------